



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Marzu 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0356(NLE)

6449/20
ADD 1 REV 1

WTO 28
SERVICES 2
COASI 18

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
fi:	6 ta' Marzu 2020
Nru. dok. preċ.: 6125/1/20 REV 1	
Nru dok. Cion:	13313/18 WTO 265 SERVICES 63 COASI 250 + ADD 1-12
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam - Adozzjoni

**Dikjarazzjoni mir-Renju tal-Belġju, ir-Renju ta' Spanja
u r-Renju tan-Netherlands dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta'
Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam**

Il-Belġju, Spanja u n-Netherlands jilqgħu l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam u jixtiequ jtennu l-importanza tal-kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ftehim, inkluż l-impenji fir-rigward tal-prinċipji fundamentali u l-Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO). Huwa tassew essenzjali li l-ftehimiet kummerċjali jikkontribwixxu b'mod effettiv għal żvilupp sostenibbli, jirrispettaw l-istandards globali u jiżguraw kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Belġju, Spanja u n-Netherlands jilqgħu r-ratifika mill-Vjetnam tal-Konvenzjoni 98 tal-ILO dwar in-negozjar kollettiv, li fl-aħħar ser tidħol fis-seħħ fil-5 ta' Lulju 2020, kif ukoll l-approvazzjoni tal-kodiċi tax-xogħol il-ġdid. Il-Belġju u Spanja ser ikomplu jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp tal-Ftehim. Il-Belġju, Spanja u n-Netherlands fiduċjużi li l-Vjetnam ser jirrispetta l-impenn tiegħu li jirratifika l-konvenzjonijiet fundamentali 87 u 105 tal-ILO li għad fadal u jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tagħhom.